# Xbihat ta' San Ġwann Battista fil-Knejjes tal-Belt (2)



Mario Fenech

Fl-Artiklu tas-sena li għaddiet tajna ħarsa lejn tnejn minn numru ta' Kwadri li fihom hemm ix-xbieha ta' San Ġwann Battista fil-Belt Valletta. F'dan l-Artiklu ser naraw aktar minn dawn il-Kwadri li nsibu f'din il-Belt.

Nidħlu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fejn insibu li waħda mil-Kappelli ta' din il-Knisja hija ddedikata lil San Martin ta' Tours. Fil-Lunetti u l-Koppla ta' din il-Kappella nsibu pitturi ta' diversi qaddisin u xeni mil-ħajja tagħhom. F'waħda mil-lunetti hemm ix-xena tal-Martirju ta' San Ġwann Battista.

F'dan ix-xogħol jidhru żewgt irġiel qegħdin jassistu lil bojja waqt li dan jidher qiegħed jgħolli 'l fuq ix-xabla biex biha jaqta' Ras il-Qaddis. Dan narawh b'rasu baxxuta fuq ġebla jistenna dan il-mument tal-glorja tiegħu dak tal-martirju.

F'dan ix-xogħol tidher sew l'id tal-artist magħruf Mattia Preti li minbarra n-numru kbir ta' xogħlijiet li ħalla warajh, ħargu wkoll numru ta' kwadri oħrajn tajbin ħafna mil-allievi tal-Iskola tiegħu.

Dan nistgħu nikkonfermawh mil-fatt li fil-lunetta l-oħra tal-istess Kappella hemm ix-xena tal-ħelsien ta' San Pietru mill-ħabs fejn ix-xbieha tal-Qaddis hija l-istess waħda li naraw fil-Kwadru Titulari tal-Knisja tan-Nadur li wkoll ħareg mill-Iskola ta' Mattia Preti.

Kwadru li jinsab fl-awla Kapitulari tal-istess Kolleggjata ta' San Pawl fil-Belt jagħtina xena sabiha tal-Qaddis. F'din it-tila li ma nafux min hu l-awtur tagħha, San Ġwann jidher qiegħed iħaddan miegħu ħaruf ċkejken filwaqt li b'idu l-leminija qiegħed juri l-kitba li soltu naraw f'xeni bħal din mdawra mal-bastun li l-parti ta' fuq tiegħu għandu l-forma ta' salib.

L-artist li pinġa dan il-kwadru ried li min iħares lejn





info@bandaprekursur.com



fuq pedistall għoli tal-ġebel fil-kantuniera ta' Triq San Pawl ma'Triq Santa Luċija.



Fuq in-naħa l-oħra tat-Triq hemm statwa bħalha ta' San Pawl. Dawn iż-żewġ statwi qabel kienu jżejnu l-faċċata tal-Knisja ta' San Pawl. Tpoġġew fejn jinsabu l-lum fis-sena 1885 meta ġiet mibnija l-faċċata l-ġdida tal-Knisja fuq d-disinn tat-Tabib Nikola Zammit.

Kien ħallas biex saret din l-istatwa ta' San Ġwann Fra Gian Francesco Abela Viċi Kanċillier tal-Ordni ta' San Ġwann.

B'hekk rajna tliet xbiehat oħra ta' dan il-qaddis mill-bosta li nsibu fil-Belt Valletta. Inkompli b'aktar xbihat fil-ħarġa tal-programm tas-sena id-dieħla.

## IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.

il-wċiċ tal-qaddis jara ħarsa ta' serenità u glorja b'differenza minn kwadri oħrajn fejn il-qaddis narawh xi ftit goff u b'persuna kbira.

It-Tielet xbieha li għazilt għal dan l-artiklu hija statwa kbira tal-ġebel li tinsab ftit passi biss 'l bogħod mil-bieb tal-Kolleġġjata ta' San Pawl.

Din hija statwa tal-ġebel ta' daqs kbir u qiegħda




XERRI ANIMAL FEED Co. Ltd.

Triq il-Qlugħ, Xewkija Industrial Estate,
Xewkija, XWK 3000, Gozo, Malta.

Tel : 2155 9362 Mob : 9945 0518
Email: xerri.jeffrey@gmail.com